MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2012

Numru. 295/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**MARTIN DELIA ta’ 55 sena, iben John u Carmela nee’ Giordmaina, imwieled l-Imtarfa nhar il-5 ta’ Dicembru, 1956, residenti fil-fond numru 12, Triq Maria Addolorata, Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 826356M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Martin Delia** li gie akkuzat talli minn tal-Bidni, limiti ta’ Marsascala, fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ April, 2005, f’xi hin tal-gurnata:

1. Ikkommetta serq ta' zewgt ihmir ghad-dannu ta' Tonio Pulis minn Marsaskala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira, bil-lok, bil-hin, kif ukoll bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-imsemmi Tonio Pulis, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix l-ghaxar liri Maltin;

4. U aktar sar recidiv ghall-finijiet tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi tal-Magistrati, li saru definittivi u ma jistghux aktar jigu mibdula jew imhassra.

Rat li moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi gie ezebit lilha l-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-istess.

Semghet il-provi kollha, kif ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi bla dubbju ta' xejn, kif jirrizulta mir-rapport tal-veterinarju Dr Anthony Gruppetta, il-hmir misruqa kienu t-tnejn distingwibbli minn zewg difetti li kienu jgorru rispettivament – wahda f'denbha, u l-ohra f'dufrejha. Illi ta' dan kien ta deskrizzjoni l-istess derubat u sussegwentement dawn gew ikkonfermati mill-veterinarju msemmi.

Illi jirrizulta wkoll illi fil-fatt dawn il-hmir instabu fil-pussess ta’ l-imputat, li pero kif kien drittu, ghazel illi ma jixhedx. Illi rrizulta fil-fatt illi l-imputat kif inqalghet din il-kwistjoni, ta lura l-hmir lid-derubat.

Illi ngab jixhed xhud barrani, certu Vincent Micallef, illi qal illi bil-lejl, fi triqtu lejn Wied il-Ghajn, kien ra zewg bhejjem jigru fi triq hdejn ic-Chef’s Choice. Qal illi b’dak li kien ra kien qal lil kulhadd fil-garaxx, stante li hu kien jahdem ta’ taxi driver.

Illi minn naha tieghu, id-derubat xehed illi hu kien wasal biex jindika lill-imputat ghax ircieva nformazzjoni minghand terzi dwar l-involviment tieghu fis-serqa tal-hmir (detto del detto), kif ukoll ghax kien mar fuq is-sit fejn kienu qed jinzammu l-istess, ghajjat lil wahda minnhom u marret lejh ghax skondtu gharfitu.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzi addebitati huma dawk ta’ serq bl-aggravju fost l-ohrajn tal-valur, ta’ ricettazzjoni, u ta’ hsara volontarja. Illi frankament ebda wahda minn dawn l-akkuzi fuq l-iskorta tal-provi prodotti, ma tista’ tigi mputata lil Martin Delia, in kwantu ebda wahda ma giet pruvata. Il-mera pussess tal-hmir ma jfissirx li nsterqu minnu, lanqas li kienu ghandu bi xjenza mehtiega ghar-ricettazzjoni, u ghaldaqstant qed jigi liberat minnhom kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------